Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16472/26

FISC 435
ECOFIN 1576

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 629 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-operat tal-arranġamenti stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 629 final.

Mehmuż: COM(2026) 629 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.11.2026
COM(2026) 629 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-operat tal-arranġamenti stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra

Introduzzjoni

1. Kulħadd huwa mistenni li jħallas is-sehem ġust tiegħu ta' taxxi. Jekk it-taxxi jibqgħu ma jitħallsux, l-awtoritajiet tat-taxxa jridu jieħdu azzjoni ta' rkupru biex jiġbruhom. Il-kompetenza tal-awtoritajiet tat-taxxa hija, madankollu, limitata għat-territorju nazzjonali tagħhom stess. Huma ma jistgħux jirkupraw talbiet barra mill-pajjiż, anke jekk id-debituri setgħu jkunu marru jgħixu f'pajjiżi oħrajn jew ikollhom assi fihom. Sabiex tindirizza dan, l-UE adottat leġiżlazzjoni li tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu assistenza reċiproka għall-irkupru ta' taxxi, dazji u miżuri oħrajn. Dan il-qafas legali jinsab fid-Direttiva 2010/24/UE (id-"Direttiva dwar l-Irkupru")[1]. Issa li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva huma trasposti fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jridu jassistu lil xulxin permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, tan-notifika ta' dokumenti, tal-irkupru ta' talbiet tat-taxxa f'isem Stat Membru applikant, u tal-adozzjoni ta' miżuri ta' prekawzjoni fejn neċessarju.

   L-assistenza reċiproka għall-irkupru tgħin biex jiġi żgurat li kulħadd iħallas it-taxxi tiegħu u tipprevjeni l-frodi tat-taxxa u t-telf baġitarju għall-Istati Membri. Dan jippromwovi l-ekwità u n-nondiskriminazzjoni fl-UE.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull ħames snin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat ta' dawn l-arranġamenti ta' assistenza għall-irkupru. Dan ir-rapport isegwi r-Rapport tal-Kummissjoni COM(2020) 813 tat-18 ta' Diċembru 2020[2] u jkopri l-perjodu 2020–2025.

3. Bi tħejjija għal dan ir-rapport, il-Kummissjoni nediet stħarriġ komprensiv fost l-Istati Membri kollha fl-2025, fejn talbet kemm data kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva f'firxa wiesgħa ta' suġġetti li jikkonċernaw l-irkupru tat-taxxa. Il-kwestjonarju ffoka fuq l-organizzazzjoni u r-riżorsi tal-Uffiċċji Ċentrali ta' Kollegament nazzjonali, l-użu korrett ta' formoli elettroniċi biex jintbagħtu u jitwieġbu t-talbiet għall-assistenza u l-konformità mal-iskadenzi stabbiliti mid-Direttiva dwar l-Irkupru, l-impatt tat-talbiet kontestati u tal-perjodi ta' preskrizzjoni, u d-disponibbiltà ta' miżuri ta' prekawzjoni. Dan kellu wkoll l-għan li jikseb għarfien aħjar dwar l-użu tal-għodod disponibbli, filwaqt li talab lill-Istati Membri jipprovdu data dwar ir-rati ta' rkupru nazzjonali tagħhom u l-prattiki ta' tħassir, il-kooperazzjoni mal-amministraturi tal-insolvenza, it-trattament tat-talbiet għal rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), u l-irkupru tal-VAT li għadha ma tħallsitx skont l-iskema tal-Punt Uniku ta' Servizz (OSS)[3]. Fl-aħħar nett, l-istħarriġ stieden lill-Istati Membri jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-piż amministrattiv, il-possibbiltà ta' azzjoni multilaterali u riformi potenzjali oħrajn tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. It-tweġibiet li waslu tqiesu fl-analiżi stabbilita f'dan ir-rapport. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha wieġbu b'mod sodisfaċenti u f'waqtu għal dan l-istħarriġ. Stat Membru wieħed ma wieġeb xejn.

1. Żviluppi wara r-rapport preċedenti

[1] Id-Direttiva 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra, ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1.

[2] Ir-Rapport tal-Kummissjoni COM(2020) 813 tat-18 ta' Diċembru 2020 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tal-arranġamenti stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE.

[3] Skont il-qafas tal-OSS tal-Unjoni, il-persuni taxxabbli stabbiliti fi Stat Membru tal-UE u li jfornu oġġetti jew servizzi lil klijenti privati fi Stati Membri oħrajn jistgħu jiddikjaraw u jħallsu fl-Istat Membru tagħhom stess (l-Istat Membru ta' identifikazzjoni tal-OSS) il-VAT dovuta f'dawk l-Istati Membri l-oħra (l-Istati Membri tal-konsum). L-Istat Membru ta' identifikazzjoni tal-OSS jiġbor din il-VAT u sussegwentement jittrasferiha lill-Istati Membri tal-konsum.

4. Ir-rapport preċedenti identifika **ħames azzjonijiet ta' prijorità**:

   1) It-titjib fil-ġbir ta' data statistika dwar l-użu ta' assistenza għall-irkupru, sabiex tinkiseb evalwazzjoni aħjar tal-effiċjenza u tal-effettività tal-assistenza reċiproka għall-irkupru, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi evitat jew limitat l-ammont ta' xogħol addizzjonali għall-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lir-rabta bejn l-ammont ta' xogħol ta' talbiet għal assistenza li jaslu u r-riżorsi amministrattivi użati fl-Istat Membru rikjest;
   2) L-eżaminar tal-problemi fil-livell ta' Stati Membri individwali relatati ma' regoli jew prattiki nazzjonali ta' rkupru li jfixklu l-funzjonament bla xkiel tal-assistenza reċiproka għall-irkupru, sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet;
   3) L-eżaminar tal-ħtiġijiet u tal-modi biex jittejjeb il-funzjonament tas-sistema ta' assistenza għall-irkupru fil-livell tal-UE;
   4) L-iżvilupp tal-għarfien u tas-sensibilizzazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru, kemm mill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali kif ukoll mill-kontribwenti;
   5) L-eżaminar tal-possibbiltajiet u tal-modi biex tiġi promossa u ffaċilitata l-assistenza għall-irkupru ma' pajjiżi terzi, filwaqt li jitqiesu l-kompetenza u l-prijoritajiet tal-UE.

5. Dwar is-segwitu ta' dawn l-azzjonijiet ta' prijorità, jistgħu jiġu rrapportati **l-iżviluppi li ġejjin**:

   1) Biex tiffaċilita u ttejjeb il-ġbir tad-data statistika[4], il-Kummissjoni żviluppat għodda biex tiġbor l-istatistika b'mod awtomatizzat. Test fl-ewwel nofs tal-2025 ikkonferma l-affidabbiltà ġenerali tagħha, għalkemm l-akkuratezza tagħha għadha tiddependi fuq l-użu korrett tal-formoli elettroniċi għat-talbiet għall-assistenza għall-irkupru u għas-segwitu.
      Mill-2026 (għall-istatistika relatata mal-assistenza għall-irkupru fl-2025), tinġabar data rilevanti addizzjonali, bħat-tempestività tat-tweġibiet u bħall-għadd u r-raġunijiet tar-reviżjonijiet tat-talbiet għall-assistenza. Il-ġbir awtomatizzat tad-data statistika mhux biss itejjeb l-affidabbiltà tad-data rrapportata mill-Istati Membri iżda jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuqhom.
   2) Wara l-eżami tal-kwistjonijiet imqajma fil-livell tal-Istati Membri individwali, fl-2023 il-Kummissjoni nediet azzjonijiet pilota tal-UE b'rabta ma' tmien Stati Membri dwar l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-irkupru għal informazzjoni dwar kontijiet bankarji u assi oħrajn sabiex jiġu ssodisfati talbiet għal informazzjoni li hija rilevanti għal finijiet ta' rkupru tat-taxxa. Dawn l-azzjonijiet wasslu għal diversi kjarifiki u emendi tal-liġijiet nazzjonali, li jtejbu l-kapaċità ta' dawn l-awtoritajiet li jipprovdu l-informazzjoni neċessarja biex jirrispondu għal talba minn Stat Membru ieħor dwar l-assi miżmuma fil-ġuriżdizzjoni tagħhom.
   3) Barra minn hekk, f'Ottubru 2024, il-Kummissjoni bdiet proċedura ta' ksur u talbet lil Stat Membru (Malta) biex jieħu miżuri korrettivi: talbiet minn ġuriżdizzjonijiet oħrajn ma ġewx ittrattati bħala infurzabbli direttament, iżda kienu jirrikjedu validazzjoni minn qabel mill-qrati nazzjonali. Din il-prattika kienet f'kunflitt mal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar l-Irkupru, li jagħti effett eżekuttiv immedjat lill-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat rikjest. Din il-proċedura ta' ksur ingħalqet wara d-dħul

[4] Skont l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2010/24, kull Stat Membru jrid jirrapporta data statistika annwali relatata mal-għadd ta' talbiet għal informazzjoni, notifika, irkupru jew miżuri ta' prekawzjoni mibgħuta lil kull Stat Membru rikjest u riċevuti minn kull Stat Membru applikant matul is-sena; u l-ammont tat-talbiet li għalihom tintalab l-assistenza għall-irkupru u l-ammonti rkuprati.

fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi fl-2025 biex ir-regoli nazzjonali jsiru konformi mad-dritt tal-UE.

4) Il-Kummissjoni ppromwoviet ukoll l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni dwar l-assistenza għall-irkupru, kemm mill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali kif ukoll mill-kontribwenti, permezz ta' diversi inizjattivi: laqgħat regolari tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Irkupru, workshops dedikati tal-Fiscalis għal uffiċjali ġodda, workshops tematiċi dwar kwistjonijiet speċifiċi bħall-protezzjoni tad-drittijiet tal-kontribwenti, u t-tnedija ta' modulu ta' apprendiment elettroniku dwar l-użu ta' formoli elettroniċi. Dawn l-attivitajiet ikkomplementaw l-isforzi ta' taħriġ nazzjonali.
5) L-assistenza għall-irkupru ġiet indirizzata wkoll f'negozjati internazzjonali. Ġie miftiehem qafas ġdid mar-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni[5], filwaqt li ġew inklużi dispożizzjonijiet fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni nnegozjat ma' Andorra u San Marino[6] u saru negozjati mal-Iżvizzera u man-Norveġja[7]. Dawn l-inizjattivi jgħinu biex jestendu l-kooperazzjoni fl-irkupru lil hinn mill-UE.

   Fil-kuntest ta' ftehimiet innegozjati mar-Renju Unit u ċerti inizjattivi bilaterali mill-Istati Membri, il-Kummissjoni identifikat sfidi fl-iżgurar tal-konsistenza mad-dritt tal-Unjoni. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni intervjeniet biex tiċċara l-qafas legali u tiżgura l-aġġustamenti neċessarji, sabiex il-ftehimiet ikunu allinjati mar-regoli tal-UE. Kien hemm tfakkiriet li t-taxxi u d-dazji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-assistenza għall-irkupru tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit ma għandhomx ikunu koperti mid-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' ftehimiet u memoranda ta' qbil li l-Istati Membri jinnegozjaw mar-Renju Unit. Bl-istess mod, ġie ċċarat li l-arranġamenti bilaterali bejn l-Istati Membri tal-UE u r-Renju Unit ma għandhomx jiksru d-dispożizzjonijiet dwar l-assistenza għall-irkupru tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit u l-Protokoll tiegħu dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq[8].

2. Kemm hija effettiva l-assistenza għall-irkupru tat-taxxa bejn l-Istati Membri?

2.1. L-għadd ta' talbiet, l-ammonti mitluba u dawk effettivament irkuprati[9]

---

5 ĠU L 149/10 tat-30 ta' April 2021. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-taxxa huma stabbiliti fil-Protokoll dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tal-VAT u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-talbiet relatati mat-taxxi u mad-dazji, li huwa Anness ta' dan il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

6 Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra u r-Repubblika ta' San Marino, rispettivament, COM(2024) 189 final tas-26 ta' April 2024.

Ladarba jiġi adottat, il-Protokoll ta' Andorra mehmuż ma' dan il-Ftehim se jipprevedi regoli ġodda dwar l-assistenza għall-irkupru għal talbiet relatati ma' dazji fuq l-importazzjoni u dazji fuq l-esportazzjoni. Dawn ir-regoli l-ġodda huma stabbiliti fl-Artikolu 25 tal-Protokoll ta' Andorra, li jissostitwixxi r-regoli adottati qabel skont l-Artikoli 4–24 tad-Deċiżjoni Nru 1/2003 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra tat-3 ta' Settembru 2003, ĠU L 253, 7.10.2003, p. 3. Id-dispożizzjonijiet futuri dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-talbiet kollha tat-taxxa għandhom jiġu miftiehma ma' Andorra u San Marino fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (l-Artikolu 63 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni propost).

7 In-negozjati kurrenti man-Norveġja għandhom l-għan li jestendu l-ambitu tal-assistenza għall-irkupru skont il-ftehim eżistenti bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT (ĠU L 195, 1.8.2018, p. 1).

8 Ara r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar in-negozjati tal-ftehimiet jew tal-arranġamenti bilaterali bejn l-Istati Membri tal-UE u r-Renju Unit, relatati mal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT jew mal-assistenza għall-irkupru ta' kwalunkwe taxxa, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689, dok. COM(2025) 16 final tat-28 ta' Jannar 2025.

9 Ta' min jinnota li, mill-2025 'il quddiem biss, l-istatistika tingħabar permezz ta' għodda awtomatizzata użata mill-Istati Membri kollha.

6. L-għadd ta' talbiet għall-assistenza żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Din ix-xejra hija riflessa fl-użu dejjem akbar tat-tipi kollha ta' talbiet għal kooperazzjoni transfruntiera fl-irkupru tat-taxxa. Dawn huma talbiet għal informazzjoni li huwa prevedibbli li tkun rilevanti għall-awtorità applikanti fl-irkupru tat-talbiet tagħha, talbiet għal notifika lid-destinatarju ta' dokumenti relatati mal-irkupru ta' tali talbiet, talbiet għal miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi ggarantit l-irkupru futur ta' talbiet, u talbiet għal miżuri ta' rkupru.

Tabella 1: l-għadd totali ta' talbiet riċevuti mill-Istati Membri kollha (2020-2025)

	Talbiet għal informazzjoni	Talbiet għal notifika	Talbiet għal miżuri ta' prekawzjoni	Talbiet għal irkupru	Għadd totali ta' talbiet
2020	19 453	1 592	90	18 791	39 926
2021	21 952	1 488	124	20 711	44 275
2022	19 589	1 181	145	20 750	41 665
2023	22 058	1 202	297	28 325	51 882
2024	28 833	1 366	194	36 525	66 918
2025	29 792	1 796	526	39 397	71 511

Xi Stati Membri rċevew aktar talbiet għall-assistenza minn oħrajn. Ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' talbiet li kull Stat Membru rċieva fl-2024-2025 hija pprovduta fl-Anness 1.

7. Barra minn hekk, l-ammonti rkuprati wrew xejra ġenerali 'l fuq f'dawn l-aħħar snin, iżda huma ħafna aktar baxxi mill-ammonti li għalihom tintalab l-assistenza.

Tabella 2: ħarsa ġenerali lejn l-ammonti li għalihom intalbet assistenza u l-ammonti rkuprati (2020-2025)

	Ammonti li għalihom qed jintalab l-irkupru (kif irrapportat mill-Istati Membri applikanti)	Irkuprati fuq talba minn Stati Membri oħra, qabel it-tnaqqis tal-kostijiet proprji (irrapportati mill-Istati Membri rikjesti)	Irkuprati fuq talbiet lil Stati Membri oħra (irrapportati mill-Istati Membri applikanti)
	f'€ (ittondjati għal 1 000)	*f'€ (ittondjati għal 1 000)*	*f'€ (ittondjati għal 1 000)*
2020	2 424 528 000	76 265 000	66 256 000
2021	2 604 570 000	65 794 000	82 008 000
2022	2 337 326 000	83 277 000	111 284 000
2023	2 991 038 000	104 427 000	129 637 000
2024	3 878 215 000	123 802 000	177 977 000
2025	5 083 807 000	151 427 000	150 471 000

2.2. Dwar l-isforzi tal-Istati Membri biex jipprovdu assistenza reċiproka għall-irkupru tat-taxxa

8. Hemm differenza kbira bejn l-ammonti li għalihom tintalab l-assistenza għall-irkupru u l-ammonti rrapportati (kemm mill-Istati Membri applikanti kif ukoll minn dawk rikjesti) bħala effettivament irkuprati (it-Tabella 2). Madankollu, ta' min jinnota li:

- l-assistenza għall-irkupru ġeneralment tintuża bħala l-aħħar alternattiva, wara li jkunu ġew eżawriti l-miżuri nazzjonali ta' rkupru[10]. Dan ifisser li t-talbiet għall-assistenza għall-irkupru ġeneralment ikunu relatati ma' każijiet diffiċli, li jikkonċernaw talbiet antiki jew eqdem;
- l-azzjonijiet ta' rkupru normalment jeħtieġu ż-żmien. Anke meta l-irkupru jkun (parzjalment) ta' suċċess, tipikament jipproduċi biss riżultati wara ċertu perjodu, aktar milli fis-sena tat-talba kkonċernata;
- l-istatistika miġbura awtomatikament dwar l-ammonti effettivament irkuprati (disponibbli mill-2025) mhux dejjem tinkludi data dwar irkupri parzjali, li jiffurmaw parti minn azzjonijiet ta' rkupru li jinsabu għaddejjin, sa fejn din id-data mhux dejjem tiġi rrapportata sistematikament fil-komunikazzjoni mill-awtoritajiet rikjesti lill-Istati Membri applikanti;
- id-data dwar l-ammonti totali mħallsa direttament ma hijiex disponibbli. L-istatistika dwar l-ammonti effettivament irkuprati, kif irrapportati mill-Istati Membri rikjesti — u, mill-2025, l-istatistika miġbura permezz tal-għodda awtomatizzata — ma tqisx l-ammonti mħallsa direttament mid-debituri lill-Istat Membru applikant, wara talba għall-irkupru lill-Istat Membru rikjest. Fl-2025, tali pagamenti diretti seħħew mill-inqas 6 116-il darba (2 622 pagament parzjali u 3 494 pagament sħiħ tat-talba);
- ir-"rata ta' prestazzjoni" u l-eżiti tal-azzjonijiet ta' rkupru meħuda mill-awtoritajiet rikjesti jiddependu fuq diversi fatturi li ma humiex fil-kontroll tagħhom. L-ewwel nett, meta tintbagħat talba għall-irkupru, ma jkunx ċert, jew jista' jkun inċert, jekk id-debitur jew l-assi jistgħux jinstabu fl-Istat Membru rikjest. Jekk ma jkun hemm l-ebda possibbiltà ta' rkupru fl-Istat Membru rikjest, allura l-awtoritajiet rikjesti ma jistgħu jieħdu l-ebda azzjoni ta' rkupru b'suċċess. Barra minn hekk, id-debituri jistgħu jikkontestaw b'suċċess il-validità ta' talba, possibbilment anke wara l-bidu tal-proċedimenti ta' assistenza għall-irkupru. It-talbiet li jiġu annullati jew imnaqqsa wara ma jiġux irrapportati fl-istatistika (peress li l-istatistika tqis l-ammonti msemmija fit-talba inizjali)[11].

9. Madankollu, jista' jiġi konkluż abbażi tal-informazzjoni miġbura li l-amministrazzjonijiet rikjesti mhux dejjem jagħmlu biżżejjed sforzi biex jissodisfaw it-talbiet li jirċievu. Is-segwitu mhux dejjem ikun sistematiku u l-komunikazzjoni dwar l-issodisfar tat-talbiet spiss la tkun f'waqtha u lanqas akkurata, b'mod partikolari fir-rigward tat-talbiet għall-irkupru.

---

[10] Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva dwar l-Irkupru, qabel ma jitlob irkupru minn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru applikant irid l-ewwel juża l-proċeduri nazzjonali ta' rkupru tiegħu stess, ħlief fejn ikun ovvju li ma hemm l-ebda assi għall-irkupru fl-Istat Membru applikant jew li tali proċeduri ma jirriżultawx fil-ħlas sħiħ tat-talba, u l-awtorità applikanti jkollha informazzjoni speċifika li tindika li l-persuna kkonċernata għandha assi fl-Istat Membru rikjest, jew fejn ir-rikors għal tali proċeduri fl-Istat Membru applikant jwassal għal diffikultà sproporzjonata.

[11] Eżempji ta' fatturi oħrajn li ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-awtoritajiet rikjesti:

1. Stat Membru applikant wieħed jista' jibgħat talbiet lil diversi Stati Membri relatati mal-istess talba. F'dak il-każ, it-talba għandha (tista') tiġi rkuprata darba biss. Anke jekk dik it-talba tiġi rkuprata kompletament fi Stat Membru wieħed, ir-rata ta' assistenza għall-irkupru fl-Istati Membri l-oħra ma turix li din it-talba ġiet irkuprata kompletament iżda li ma ġiet irkuprata xejn.
2. Jekk Stat Membru applikant jibgħat talba għall-irkupru ta' ammont rimborżabbli tal-VAT, l-għodda tal-istatistika tal-assistenza għall-irkupru ma tqisx l-ammont tar-rifużjoni tal-VAT li jiġi sekwestrat, iżda tqis l-ammont sħiħ tad-dejn tat-taxxa mhux imħallas (li jista' jkun ħafna ogħla mill-ammont tal-VAT rimborżabbli), u b'hekk twassal għal distorsjoni fir-rata tal-assistenza għall-irkupru li tkun ikkalkulata abbażi ta' dawn iċ-ċifri.
3. Stat Membru rċieva talba għall-irkupru għal ammont eċċezzjonali ta' aktar minn EUR 500 000 000. In-nuqqas ta' rkupru possibbli ta' din it-talba unika jista' jkollu effett ta' tfixkil fuq ir-rata ġenerali ta' rkupru tal-Istat Membru rikjest.

Mill-2025, tingħabar statistika dwar it-tempestività tal-konfermi tar-riċevuta ta' talbiet għall-assistenza u ta' messaġġi ta' segwitu ulterjuri dwar l-eżekuzzjoni ta' talbiet għall-assistenza. Din l-istatistika, madankollu, jeħtieġ li tingħabar fuq perjodu itwal qabel ma l-analiżi tagħha tkun tista' tagħti stampa kompletament akkurata tal-isforzi tal-Istati Membri rikjesti biex jissodisfaw it-talbiet għall-assistenza fil-ħin.

2.3. Kwistjonijiet ewlenin li nqalgħu fl-eżekuzzjoni tat-talbiet għall-irkupru

10. F'rapport tal-2017 dwar l-użu tal-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-taxxa bejn l-Istati Membri tal-UE, ġie osservat li *"*[m]*ill-konsultazzjonijiet tal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jirriżulta li l-assistenza għall-irkupru qed taħdem sew f'sitwazzjonijiet sempliċi (eż. ħaddiema transkonfinali), li fihom l-assistenza għall-irkupru tipprovdi soluzzjoni għan-nuqqas ta' kompetenza transkonfinali tal-awtoritajiet tat-taxxa. Madankollu, f'sitwazzjonijiet oħra – b'mod partikolari meta n-nuqqas ta' ġbir ikun dovut għall-intenzjoni frodulenti tad-debitur – l-assistenza għall-irkupru hi meqjusa li hi iktar diffiċli, u hekk ukoll l-irkupru fl-Istat Membru applikanti nnifsu"*[12]. Din l-osservazzjoni għadha valida llum. Minkejja żieda fl-ammonti ta' rkupru, għad hemm distakk sinifikanti bejn l-ammonti mitluba u dawk irkuprati.

11. Sabiex ikollha stampa ċara dwar ir-raġunijiet għal talbiet għall-irkupru li ma rnexxewx, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex janalizzaw fil-fond l-eżitu tal-ħames talbiet għall-irkupru bl-ogħla valur matul il-perjodu 2022–2024. L-informazzjoni miġbura tikkonferma li hemm diskrepanza sinifikanti bejn l-ammonti mitluba u dawk irkuprati, u dan jindika li dawn it-talbiet irnexxew biss parzjalment.

[12] Ir-rapport tal-Kummissjoni COM(2017) 778 tat-18 ta' Diċembru 2017 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu tal-assistenza għall-irkupru bejn l-Istati Membri tal-UE, il-punt 2.d.

Tabella 3: Ħarsa ġenerali lejn il-każijiet fejn l-irkupru kien ta' suċċess jew le, irrapportati bħala Stat applikant[13]



[13] Irkupru "b'suċċess" ifisser li t-talbiet setgħu jiġu rkuprati kompletament jew parzjalment mill-Istat rikjest jew li saru pagamenti diretti lill-Istat applikant; irkupru "mingħajr suċċess" ifisser li ma ġie rkuprat xejn jew ġie rkuprat biss ammont limitat.
Malta ma bagħtitx talbiet bħal dawn fil-perjodu kkonċernat; in-Netherlands ma weġbux għal dan l-istħarriġ; il-Finlandja ma weġbitx għal din il-mistoqsija.

Tabella 4: Ħarsa ġenerali lejn il-każijiet fejn l-irkupru kien ta' suċċess jew le, irrapportati bħala Stat rikjest[14]



12. Skont l-informazzjoni miġbura, l-aktar ostakli komuni għal assistenza effettiva għall-irkupru huma l-istatus ta' insolvenza tad-debitur jew, kif spjegat hawn fuq, in-nuqqas ta' assi aċċessibbli fit-territorju tal-Istat Membru rikjest, u l-fatt li l-irkupru ma għadux possibbli.

[14] "B'suċċess" bħala deskrizzjoni tal-irkupru jfisser li t-talbiet setgħu jiġu rkuprati kompletament jew parzjalment mill-Istat rikjest jew li saru pagamenti diretti lill-Istat applikant; irkupru "mingħajr suċċess" ifisser li ma ġie rkuprat xejn jew ġie rkuprat biss ammont limitat.
In-Netherlands ma weġbux għal dan l-istħarriġ; il-Finlandja ma weġbitx għal din il-mistoqsija.

Il-każijiet ta' insolvenza frodulenti għadhom partikolarment ta' sfida, minħabba d-diffikultà tat-traċċar tal-assi bejn il-fruntieri u l-limitazzjonijiet tal-kooperazzjoni transfruntiera kurrenti dwar l-insolvenza.

L-istħarriġ ikkonferma li l-aċċess f'waqtu għal informazzjoni akkurata (informazzjoni aġġornata dwar l-eżistenza u l-post tal-assi, id-debituri jew persuni oħrajn responsabbli għad-dejn tat-taxxa kkonċernat) huwa fattur ewlieni biex l-assistenza għall-irkupru tirnexxi. Meta l-informazzjoni tiddewwem, ma tkunx kompluta jew tkun skaduta, l-effiċjenza u l-effettività tal-kooperazzjoni jiddgħajfu jew jitnaqqsu.

Talbiet f'waqthom għal assistenza għall-irkupru huma essenzjali. Id-dewmien mill-Istati Membri applikanti biex jivvalutaw it-talbiet u biex jagħtu bidu għall-assistenza għall-irkupru jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet ta' rkupru b'suċċess.

L-isforzi ta' rkupru huma mminati ulterjorment minn proċeduri twal ta' valutazzjoni u awditjar, u tilwim fit-tul dwar talbiet tat-taxxa. Jekk it-talbiet jiġu kkontestati, l-assistenza għall-irkupru ma tistax, fil-prinċipju, tintalab, u ż-żmien meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni finali dwar id-dejn tat-taxxa spiss inaqqas il-probabbiltà ta' infurzar b'suċċess fi stadju aktar tard.

Barra minn hekk, regoli tat-taxxa kumplessi u li jinbidlu ta' spiss jistgħu jżidu l-għadd ta' talbiet kontestati, u dan iwassal għal dewmien u inċertezza ulterjuri.

3. Titjib fl-irkupru nazzjonali tat-taxxa u fl-assistenza transfruntiera għall-irkupru

3.1. Titjib fl-irkupru nazzjonali tat-taxxa

13. In-nuqqas ta' rkupru tat-taxxi jwassal għal arretrati tat-taxxa konsiderevoli. Iċ-ċifri dwar l-arretrati tat-taxxa nazzjonali fi tmiem is-sena huma ppreżentati fl-Anness 2. Madankollu, mingħajr metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tar-rati nazzjonali ta' rkupru tat-taxxa, huwa diffiċli li jiġu vvalutati r-riżultati tal-irkupru fl-Istati Membri. Ir-rispondenti għall-istħarriġ irrapportaw metodoloġiji eteroġeni ħafna għall-kalkolu tar-rata nazzjonali tal-irkupru tat-taxxa tagħhom. Xi Stati Membri jużaw indikaturi bbażati fuq iż-żmien (b'perjodi ta' referenza li jvarjaw), filwaqt li oħrajn jiffukaw fuq l-istokk tal-arretrati. Xi ftit Stati Membri japplikaw proporzjonijiet tal-effettività tal-infurzar, u xi wħud jintegraw l-objettivi ta' politika. Diversi Stati Membri jeskludu djun li ma jistgħux jinġabru jew li ġew sospiżi biex ikejlu l-irkupru effettiv, filwaqt li oħrajn jibbażaw ruħhom fuq proporzjonijiet usa' ta' konformità mhux marbuta direttament mal-irkupru infurzat. B'riżultat ta' dan, id-diverġenzi fid-definizzjonijiet ewlenin (eż. "arretrati", "dejn li jista' jiġi rkuprat", "dejn irtirat") jillimitaw il-komparabbiltà tar-riżultati.
14. Filwaqt li l-amministrazzjonijiet nazzjonali komplew jadattaw l-istrutturi u l-proċeduri tagħhom biex isaħħu l-assistenza għall-irkupru, huma neċessarji azzjonijiet ulterjuri.
15. Proċeduri ta' rkupru tat-taxxa effiċjenti (b'mod partikolari talbiet f'waqthom u eżekuzzjoni rapida) u effettivi jibqgħu essenzjali. Xi amministrazzjonijiet iċċentralizzaw ir-responsabbiltajiet jew żguraw approċċ aktar integrat f'kategoriji differenti ta' taxxi. L-effettività ta' dan l-approċċ tiddependi fuq il-fatt li l-awtorità ta' rkupru jkollha aċċess sħiħ għall-informazzjoni rilevanti kollha sabiex tapplika strateġija ta' rkupru komprensiva.
16. Kooperazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet/amministraturi tal-insolvenza hija kruċjali wkoll, speċjalment biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà konġunta f'każijiet ta' insolvenza frodulenti jkunu jistgħu jwasslu għal irkupru effettiv.

17. Huma meħtieġa sforzi biex jitnaqqas it-tul ta' żmien tal-proċeduri ta' valutazzjoni u kontestazzjoni. Is-simplifikazzjoni tar-regoli tat-taxxa, l-aċċellerazzjoni tal-investigazzjonijiet tat-taxxa, u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri tat-tilwim huma kruċjali biex jipprevjenu dewmien li jimmina l-prospetti ta' rkupru.

18. Fl-2026 tnieda Grupp tal-Proġett Fiscalis (FPG 069) ġdid biex jidentifika modi kif jistgħu jittejbu l-ġbir u l-irkupru tad-dejn tat-taxxa, bl-użu ta' analiżi komparattiva, trasformazzjoni diġitali u intelliġenza kollaborattiva. Dan il-Grupp tal-Proġett Fiscalis se jkun opportunità biex jinkiseb aktar għarfien dwar il-prestazzjoni reali tal-proċeduri nazzjonali ta' rkupru. L-eżitu ta' dan il-proġett se jgħin biex jiġu identifikati opportunitajiet u oqsma għal titjib ulterjuri.

3.2. Titjib fl-assistenza transfruntiera għall-irkupru tat-taxxa

19. Sabiex jottimizzaw l-eżekuzzjoni ta' talbiet transfruntieri, l-awtoritajiet tat-taxxa rikjesti għandhom jiżguraw li l-irkupru jitwettaq b'mod effiċjenti u effettiv, mingħajr dewmien bla bżonn.

20. Fl-2025, il-Komunità AIAC tal-UE[15] ħarġet nota ta' gwida dwar kif għandu jiġi mmitigat ir-riskju ta' nuqqas ta' ħlas tat-taxxi billi jiġi involut l-irkupru fil-kontrolli multilaterali u f'attivitajiet avvanzati oħrajn ta' kooperazzjoni amministrattiva internazzjonali għall-valutazzjoni u għall-kontroll tat-taxxi.

21. Minbarra li jħares lejn il-proċeduri nazzjonali ta' rkupru, l-objettiv ewlieni tal-Grupp tal-Proġett Fiscalis (FPG 069) imsemmi hawn fuq huwa li jtejjeb l-effettività, il-veloċità u l-ekwità tal-ġbir u tal-irkupru tad-dejn tat-taxxa madwar l-Istati Membri tal-UE billi jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kollaborazzjoni rapida għal każijiet tat-taxxa transfruntieri fuq skala kbira.

22. Fl-2024 ġie stabbilit Grupp tal-Proġett Fiscalis (FPG046) biex itejjeb il-proċessi ta' pagament u rkupru fi ħdan is-sistema tal-Punt Uniku ta' Servizz (OSS) tal-VAT kif ukoll biex jirrifletti dwar kif għandhom jiġu trattati l-konsegwenzi tat-taxxa tan-nuqqas ta' pagament tal-VAT dovuta jew il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra kumpaniji rreġistrati fl-OSS. Għaddejja aktar riċerka biex jitkejjel l-ambitu tal-problema.

    Skont is-sistema tal-OSS tal-Unjoni, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni (tal-OSS) jiġbor il-VAT u jqassamha lill-Istati Membri tal-konsum. Madankollu, ir-responsabbiltà għall-irkupru tal-VAT mhux imħallsa hija tal-Istati Membri tal-konsum, minkejja li l-kontribwent ma jkunx stabbilit hemmhekk. Dan jirrikjedi li l-Istati Membri tal-konsum jissottomettu talbiet għall-irkupru lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni tal-OSS. Din id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri ta' identifikazzjoni tal-OSS u l-Istati Membri tal-konsum toħloq piż amministrattiv addizzjonali, speċjalment meta diversi Stati Membri tal-konsum jibagħtu talbiet għal assistenza li jikkonċernaw l-istess debitur.

    Dan il-Grupp tal-Proġett Fiscalis ikkonkluda li hija meħtieġa diskussjoni ulterjuri dwar modi kif jittejjeb l-irkupru tal-VAT li tkun għadha ma tħallsitx taħt l-iskema tal-OSS tal-Unjoni. Ġew proposti għażliet differenti, inkluż l-emendar tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-VAT (id-Direttiva 2006/112/KE) biex l-Istat Membru ta' identifikazzjoni tal-OSS ikun jista' jassumi responsabbiltà diretta għall-irkupru tal-OSS-VAT mhux imħallsa. Għażliet ta' politika oħrajn jistgħu jikkonsistu fis-simplifikazzjoni tal-proċedura skont id-Direttiva dwar l-Irkupru relatata mat-talbiet tal-OSS-VAT, pereżempju billi

[15] Il-Komunità tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni Amministrattiva Internazzjonali Avvanzata, li għandha l-għan li trawwem l-użu ta' kontrolli simultanji jew multilaterali, awditi konġunti, il-preżenza ta' uffiċjali f'uffiċċji amministrattivi barranin u l-parteċipazzjoni f'investigazzjonijiet amministrattivi.

jitneħħa r-rekwiżit għal formola ta' notifika uniformi jew strument uniformi li jippermetti l-infurzar, minħabba li l-Istat Membru ta' identifikazzjoni tal-OSS diġà jkollu l-informazzjoni rilevanti dwar l-OSS-VAT mhux imħallsa.

23. Tqajmu wkoll mistoqsijiet fir-rigward tal-prattika kurrenti ta' sekwestru tal-ammonti rimborżabbli tal-VAT. L-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 jippermetti li rifużjoni tal-VAT dovuta lil kontribwent fi Stat Membru wieħed tiġi ttrasferita direttament lejn Stat Membru ieħor fejn dak il-kontribwent ikollu djun pendenti. Filwaqt li din il-proċedura tiffaċilita l-irkupru, bħalissa tirrikjedi l-kunsens tad-debitur. Fin-nuqqas ta' tali kunsens, l-Istati Membri jridu jissottomettu talbiet għall-assistenza għall-irkupru, li jżidu l-piż amministrattiv kemm għall-Istati Membri applikanti kif ukoll għal dawk rikjesti. Skont l-istatistika pprovduta mill-Istati Membri, fl-2025, ġew irreġistrati mill-inqas 912-il talba għall-irkupru relatati mal-ammonti rimborżabbli tal-VAT.

4. Konklużjonijiet

24. L-assistenza reċiproka għall-irkupru skont id-Direttiva dwar l-Irkupru saret għodda dejjem aktar importanti biex tiżgura tassazzjoni ġusta u tipproteġi d-dħul pubbliku fl-UE. It-talbiet u l-ammonti rkuprati żdiedu b'mod sinifikanti, u dan juri l-valur ġenerali tas-sistema kurrenti.

25. Madankollu, talbiet kumplessi jew ta' valur għoli għadhom diffiċli biex jiġu infurzati. L-effiċjenza u l-effettività tal-azzjonijiet ta' rkupru huma limitati minn nuqqas ta' assi aċċessibbli, sitwazzjonijiet ta' insolvenza, proċeduri twal ta' valutazzjoni u awditjar u tilwim twil.

26. L-istħarriġ u l-iskambji mal-amministrazzjonijiet nazzjonali jissottolinjaw l-importanza ta' titjib ulterjuri kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier, biex tiġi indirizzata ż-żieda kontinwa fl-għadd ta' talbiet. B'mod partikolari, tista' tingħata attenzjoni lil:
    - is-simplifikazzjoni tar-regoli biex jitnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-proċeduri ta' valutazzjoni u awditjar u biex jitnaqqsu l-kontestazzjonijiet u d-dewmien;
    - l-investiment fi proċeduri ta' ġbir u rkupru effiċjenti u f'kapaċità amministrattiva adegwata fl-Istati Membri applikanti u rikjesti, kif ukoll fl-esplorazzjoni ta' opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali (IA) u mit-teknoloġiji diġitali bis-salvagwardji xierqa;
    - it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa (tal-irkupru) u l-qrati u awtoritajiet oħrajn li jittrattaw każijiet ta' insolvenza;
    - l-iżgurar ta' segwitu konsistenti u f'waqtu tat-talbiet għall-assistenza għall-irkupru;
    - l-indirizzar tad-diffikultà fl-identifikazzjoni tal-lokalizzazzjoni tal-assi, minħabba li l-iskambju ta' informazzjoni skont id-Direttiva 2011/16/KE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva ma jipprovdix aċċess f'ħin reali għal informazzjoni aġġornata dwar l-assi barra mill-pajjiż;
    - l-indirizzar tal-lakuni fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet għall-irkupru tat-taxxa u l-awtoritajiet li jimmaniġġaw il-proċeduri ta' insolvenza.

27. Il-Kummissjoni se tappoġġa l-ħidma tal-Grupp tal-Proġett Fiscalis dwar l-irkupru u se tuża l-eżiti tiegħu bħala kontributi għal analiżi futura u azzjonijiet possibbli. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tikkunsidra kif il-prattiki operazzjonali jistgħu jittejbu f'każijiet ta' rkupru transfruntieri kbar. L-għan huwa li jiġi vvalutat jekk kooperazzjoni multilaterali aktar koordinata — li żżid mal-kooperazzjoni bilaterali kurrenti — bejn l-Istati Membri tistax ittejjeb l-effettività, speċjalment f'każijiet kumplessi li jinvolvu diversi Stati Membri, fejn l-approċċi bilaterali jistgħu jkunu inqas effiċjenti.

28. Fid-dawl tal-impatt negattiv ta' kontestazzjonijiet fit-tul fuq l-irkupru tat-taxxi, il-Kummissjoni beħsiebha teżamina sa liema punt jista' jittejjeb l-użu ta' miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi żgurat l-irkupru tat-talbiet kontestati. Bħalissa, l-għadd ta' talbiet għal miżuri ta' prekawzjoni għadu baxx. Il-proġett tal-Grupp tal-Proġett Fiscalis jista' jgħin biex jiġi vvalutat jekk dan huwiex (parzjalment) dovut għan-nuqqas ta' proċeduri ċari u/jew armonizzati għall-adozzjoni ta' miżuri ta' prekawzjoni f'każijiet transfruntieri.

29. Flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tesplora ulterjorment l-għażliet preferuti biex ittejjeb l-irkupru tal-VAT li tibqa' ma titħallasx taħt l-iskema tal-OSS tal-Unjoni u biex tiffaċilita t-trasferiment dirett tar-rifużjoni tal-VAT dovuta lil kontribwent fi Stat Membru wieħed lejn Stat Membru ieħor fejn dak il-kontribwent ikollu djun pendenti.

30. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-amministrazzjonijiet permezz ta' gwida, monitoraġġ u, fejn xieraq, inizjattivi leġiżlattivi. Se jkollha wkoll l-għan li tiżviluppa assistenza għall-irkupru fin-negozjati ma' pajjiżi terzi. L-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu jaħdmu flimkien mal-Kummissjoni biex jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn l-azzjonijiet.

Anness 1. Ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta’ talbiet riċevuti minn kull Stat Membru (2024-2025)

	Talbiet għal informazzjoni		Talbiet għal notifika		Talbiet għal miżuri ta’ prekawzjoni		Talbiet għal irkupru	
	2024	2025	2024	2025	2024	2025	2024	2025
BE	1 034	944	53	58	25	33	1 764	2 126
BG	1 940	2 195	65	72	10	13	766	866
CZ	331	537	44	18	0	4	406	562
DK	214	175	30	17	0	12	517	399
DE	2 668	2 374	220	325	19	62	5 143	4 186
EE	153	175	12	11	3	27	386	407
IE	290	256	22	57	0	95	512	692
EL	454	597	10	5	2	5	157	244
ES	1 364	1 281	50	70	11	8	1 920	1 713
FR	1 474	2 289	62	163	3	122	3 537	3 839
HR	749	737	17	28	2	2	307	661
IT	1 527	1 427	83	72	13	15	1 561	1 545
CY	141	160	19	15	3	3	786	431
LV	313	296	23	14	1	4	166	213
LT	1 705	1 987	20	26	48	39	6 318	6 735
LU	796	649	29	34	6	19	1 583	2 077
HU	896	1 173	59	53	12	7	422	938
MT	57	82	20	69	9	0	154	673
NL	1 671	1 692	77	127	10	12	2 405	2 013
AT	658	834	38	47	6	6	1 028	1 460
PL	2 842	2 856	229	332	3	11	2 995	3 830
PT	678	675	21	16	2	11	587	617
RO	5 932	5 562	99	80	2	4	1 848	2 001
SI	226	217	11	24	1	1	383	400
SK	371	405	23	24	5	8	393	402
FI	76	46	13	8	0	1	191	107
SE	273	171	17	31	0	2	299	260
Total	**28 833**	**29 792**	**1 366**	**1 796**	**194**	**526**	**36 525**	**39 397**

Anness 2: l-indikaturi nazzjonali tal-irkupru ta' arretrati tat-taxxa

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-arretrati totali fi tmiem is-sena bħala perċentwal tad-dħul nett totali (data għall-2023)[16].



[16] Data meħuda mir-rapport tal-amministrazzjoni tat-taxxa tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tal-2025, p. 105, illustrazzjonijiet 7.2 u 7.3 (Tax Administration 2025 | OECD). Sors: ADB, CIAT, IOTA, IMF, OECD, International Survey on Revenue Administration, Table D.41 Arrears ratios: Closing stock and collectable arrears, http://isoradata.org.

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-arretrati totali fi tmiem is-sena li jitqiesu bħala li jistgħu jinġabru, bħala perċentwal tal-arretrati totali fi tmiem is-sena (data għall-2023)[17].



[17] Data meħuda mir-rapport tal-amministrazzjoni tat-taxxa tal-OECD tal-2025, p. 106, illustrazzjoni 7.4 (Tax Administration 2025 | OECD). Sors: ADB, CIAT, IOTA, IMF, OECD, International Survey on Revenue Administration, Table D.41 Arrears ratios: Closing stock and collectable arrears, http://isoradata.org.